Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9563 — PIC/SKC/SKCCD)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 342/11)

1. Fit-2 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Petrochemical Industries Company K.S.C. ("PIC", il-Kuwajt), ikkontrollata mill-Kuwait Petroleum Corporation (il-Kuwajt),

— SKC Co., Ltd ("SKC", il-Korea t'Isfel), ikkontrollata minn SK Holdings Co., Ltd (il-Korea t'Isfel).

PIC u SKC jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża konġunta (joint venture, "JV").

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma u kontribuzzjoni ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— PIC hija manifattur u kummerċjant dinji ta' petrokimiċi u li hija bbażata fil-Kuwajt.

— SKC hija kumpanija tal-kimika Koreana kkwotata fil-Borża Koreana u hija attiva fil-kimiċi, fil-pellikoli u oħrajn (materjal tas-semikondutturi u tal-benżen eżaklorur).

— il-JV se tkun tikkonsisti fin-nezjozju attwali tal-kimiċi ta' SKC u se timmanifattura, tikkummerċjalizza u tbigħ kimiċi, primarjament l-ossidu tal-propilen, il-glikol tal-propilen, l-eter glikol tal-propilen, u l-monomeru tal-istiren.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9563 — PIC/SKC/SKCCD

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.